# L-Arċisqof Pietru Pace (1831-1914) Mitt sena mill-mewt ta' iben denn tal-Parroċċa ta' San Ġorġ u benefattur kbir Għawdxi

✍ *Fabian Mangion*

Meta Santu Wistin kiteb li l-kumplimenti materjali li jsiru lill-mejtin, bħalma huma l-fjuri fuq l-oqbra u l-eloġji, huma aktar konsolazzjoni għall-ħajjin milli sagrifiċċju għall-mejtin, żgur li teoloġikament ma kienx żbaljat. Iżda ninsab ċert li l-għaref Isqof ta' Ippona ma riedx ineħħi minn fost l-Insara tiegħu dak is-sentiment doveruż ta' gratitudni li jidher f'dawk il-kumplimenti materjali lill-mejtin. Il-gratitudni lejn persuni mejtin hija dover li għandhom il-ħajjin li b'xi mod ikunu bbenefikaw minn dawk li mietu. B'dawn il-ħsibijiet ser nipprova ndomm il-ħajja u l-ħidma ta' Mons. Arċisqof Pietru Pace f'dan l-ewwel ċentinarju mid-dħul tiegħu fl-hena ta' dejjem.

### Għaref sa minn żgħoritu

Pietru Pace twieled ir-Rabat, Għawdex, nhar id-9 ta' April 1831, minn Franġisk u Margerita xebba Stellini. Huwa ġie mgħammed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ Martri tar-Rabat, Għawdex. Ta' tfajjel kien fuq ruħu. Hu ħa l-ewwel edukazzjoni skolastika tiegħu b'mod privat. Ix-xewqa li jilħaq qassis dehret fih minn kmieni, u diversi kienu dawk li wrew ħerqa speċjali biex jgħinu liż-żagħżugħ fit-tagħlim tat-Taljan u l-Latin. Hu ġie mibgħut fis-Seminarju tal-Imdina fejn beda t-triq tas-saċerdozju.

Meta kien għad kellu erbatax-il sena hu ġie mħajjar minn Patri Majjistru Ġann-Anton Bonelli OFMCONV (1819-1882) biex imur ikompli l-istudji tiegħu Ruma. Mill-Università *La Sapienza* fl-1852 Pace kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija. Huwa ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1853.



Il-faċċata tad-dar fejn twieled wara San Franġisk, fejn, fil-fatt, hemm irħama li tfakkru.




Fl-1856 huwa kiseb Dottorat fid-Drittu Kanoniku u fil-Liġi Ċivili. Dun Pietru Pace ggradwa wkoll fil-lingwi Orjentali, ingħata *scholarship* biex ikompli l-istudji tiegħu u rebaħ midalja tad-deheb mill-Papa Piju IX.

Waqt li kien f'Ruma, Pace kien jagħti lezzjonijiet privati lit-tfal tal-Familja Orsini. Permezz tal-influwenza ta' din il-familja, ingħata udjenza ta' siegħa mal-Papa Piju IX fil-bidu ta' Awwissu 1857. Kien f'din l-udjenza li Pietru Pace ressaq quddiem il-Papa x-xewqa li l-gżira Għawdxija tinqata' bħala Djoċesi għaliha.

Malli spiċċa l-istudji, huwa nħatar Segretarju tal-Kardinal Vincenzo Santucci (1796-1861) u tal-Kardinal Antonio Maria Panebianco OFMCONV (1808-1885). Kemm dam Ruma ġibed l-ammirazzjoni tal-Professur Giovanni Perrone, Prefett tal-Istudji tal-Kulleġġ Ruman, li 'l quddiem insibuh magħruf bħala l-*Università Pontificia Gregoriana*.

Fl-1860 Mons. Gaetano Pace Forno, Isqof ta' Malta, sejjaħlu lura Malta u ħatru Kanonku tal-Katidral. Monsinjur Pietru Pace ġie magħżul biex jgħallem it-Teoloġija Dommatika u s-Sagra Skrittura fis-Seminarju tad-Djoċesi. Aktar tard inħatar Professur tat-Teoloġija Morali fl-Università ta' Malta u Eżaminatur Sinodali.

### Vigarju Ġenerali f'Għawdex

Il-Papa Piju IX, wara li ntrebħu bosta diffikultajiet u permezz tal-Bolla *Singulari Amore*, qata' xewqet l-Għawdxin. Fis-16 ta' Settembru 1864, "bi mħabba liema bħalha" hu waqqaf id-Djoċesi u ta bidu uffiċjali għall-Knisja ta' Għawdex. Il-Kolleġġjata Matriċi ta' Santa Marija ġiet magħżula bħala l-Katidral tad-Djoċesi l-ġdida. Fit-22 ta' Settembru, Mons. Mikiel Buttigieg, mill-Qala, kien elett bħala l-ewwel Isqof ta' Għawdex, u fit-23 ta' Ottubru għamel

l-ingress solenni fil-Katidral. Fit-3 ta' Diċembru 1864, tliet xhur wara li Għawdex sar Djoċesi, il-Papa Piju IX ħatar lil Mons. Pietru Pace Vigarju Ġenerali ta' Mons. Buttigieg. Huwa baqa' jokkupa din l-istess kariga tul iż-żmien li fih l-Isqof Agostinjan Pawlu Micallef OESA kien Amministratur Appostoliku, u sakemm fis-17 ta' Marzu 1877 il-Papa Piju IX għażlu bħala Isqof tal-istess Djoċesi wara l-mewt tal-Isqof Anton Grech Delicata.

### Isqof ta' Għawdex

Nhar it-8 ta' April 1877, Pace ġie kkonsagrat Isqof fil-knisja ta' San Carlo al Corso ta' Ruma mill-Kardinal Edward Howard (1821-1892), assistit minn Mons. William G. McCloskey (1823-1909), Isqof ta' Louisville (USA), u minn Mons. Francesco Folicaldi (1822-1883), Arċisqof Titulari ta' Efesu. Fit-2 ta' Lulju 1877, il-jum li fih huwa ħa l-pussess tad-Djoċesi, Għawdex kien f'festa kbira. L-Isqof inġarr fuq karrozzin tul Triq it-Tiġrija fir-Rabat, u ttieħed fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ fejn bierek il-ġemgħa miġbura. Wara żar lil niesu u mill-gallerija tad-dar sellem u kellem lill-folla kbira li kienet inġabret.

Barra li kien l-id il-leminija taż-żewġ Isqfijiet ta' qablu, bħala Isqof ta' Għawdex, Mons. Pietru Pace kien ta' ġid kbir u ta' barka mis-Sema. Billi kien bniedem magħruf sew għall-kapaċitajiet tiegħu, kulħadd kien jieħu gost jaħdem miegħu u għalih. Ta' Għawdxi li kien, qalbu baqgħet dejjem ta' Għawdex u żgur li ħadd daqsu ma seta' jifhem il-problemi kbar u l-ħtiġijiet ta' Għawdex u tal-Għawdxin. Fil-fatt huwa nefaq kulma kellu għall-ġid tad-Djoċesi Għawdxija.

Fuq insistenza tiegħu mal-Gvern tal-ġurnata, ittieħdu l-passi meħtieġa biex inbeda servizz ta' trasport irħis u regolari bil-baħar bejn Malta u Għawdex li sa dak iż-żmien kien għadu ma jeżistix.



Ritratt uniku tal-Arċisqof Pace.

Il-kuntratt tas-servizz kien ġie mogħti lill-Kavallier Gollcher li qiegħed il-vapur ġdid tal-istim *Gleneagles* għal dan is-servizz. Fi żmienu Għawdex beda jirċievi aktar attenzjoni u importanza anki mill-politiċi. Ir-Rabat kiseb il-ġieħ li jissejjaħ "Victoria" għar-Reġina billi kienet hi li tatu l-istat ta' Belt (1887). Twaqqfu l-ewwel industriji bħal tal-bizzilla u bit-tħabrik tiegħu twasslet is-sistema tal-ilma u d-drenaġġ sal-irħula kollha tal-gżira. Jingħad li huwa saħansitra kiteb lil Don Bosco biex dan jagħtih il-pariri tiegħu dwar it-twaqqif ta' stamperija tal-Knisja f'Għawdex.

Kien l-Isqof Pace li żejjen il-Katidral ta' Għawdex b'pittura u rħam u ssokta l-bini tal-Awla Kapitulari. Fl-10 ta' Ġunju 1888, bit-tqegħid tal-ewwel ġebla, ta bidu għall-bini tas-Santwarju ta' Lourdes fuq is-sies tal-Kortin fl-Imġarr, Għawdex. Fl-1879 bierek il-knisja mibnija mill-ġdid f'Marsalforn flok il-qadima tal-Appostlu Missierna San Pawl, u waqqaf il-Konservatorju Veskovili. Bil-ħsieb li jġib 'il quddiem id-dinjità taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, fl-1887 l-Isqof Pace waqqaf soċjetà ta' nisa devoti taħt it-titlu ta' *Opera dei Tabernacoli*. Din is-soċjetà kellha għan doppju, jiġifieri dak ta' adorazzjoni perpetwa tas-Sagrament Imqaddes u li tipprovdi paramenti sagri lill-knejjes fqar fid-Djoċesi.

Bħala Isqof ta' Għawdex huwa stinka biex iġib 'il quddiem il-kurrikulu tal-istudji fis-Seminarju tad-Djoċesi u rsista biex is-seminaristi joktru fin-numru. Fl-1880 huwa ta' l-approvazzjoni tiegħu lil Dun Ġużepp Diacono u lil Madre Margerita De Brincat biex jingħata bidu għall-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, magħrufa bħala "Tal-Istilla", bħala erwieħ ikkonsagrati lil Alla għall-ġid tal-Knisja u tas-soċjetà. L-Isqof Pace ta wkoll l-għajnuna kollha tiegħu biex ix-xebba Sengleana Karolina Cauchi tibni dar u tagħti bidu għas-Sorijiet Dumnikani f'Għawdex fl-1889.

Fi żmienu, fl-10 ta' Marzu 1855, ir-raħal Ta' Kerċem inqata' bħala parroċċa awtonoma. F'Jannar 1886, fuq inizjattiva tal-Isqof Pace innifsu, twaqqfet f'Għawdex, fil-Parroċċa tal-Għarb, il-Missjoni l-Kbira. Din tqiegħdet taħt il-kura tas-saċerdot Rabti Dun Ġużepp Hili. Fl-istess sena, il-manifestazzjonijiet tal-Madonna Ta' Pinu kisbu l-approvazzjoni tiegħu.

Fl-1889 huwa kien Ruma, fejn ġie mogħti l-*Gran Croce* tal-Ordni ta' Malta u assista lill-Kardinal Rampolla fil-konsagrazzjoni ta' Mons. Giovanni Maria Camilleri OESA, is-suċċessur tiegħu f'Għawdex.

### Isqof ta' Malta

Meta fit-12 ta' Lulju 1888 miet l-Isqof Carmelo Scicluna, ħafna kienu dawk li ħasbu li kien wasal iż-żmien biex Mons. Pace jiġi maħtur Isqof ta' Malta. Iżda Pace, li kien informalment irrakkomandat mill-ħabib kbir tiegħu l-eks-Gvernatur Sir John Linthorn Simmons, ma

kienx l-uniku kandidat għall-episkopat. Miegħu kien hemm ukoll l-Amministratur Appostoliku Anton M. Buhagiar OFMCAP li kien serva għal perjodu ta' żmien bħala segretarju tal-Kardinal Franċiż Charles Lavigerie (1825-1892), magħruf, fost l-oħrajn, għall-ħidma kbira tiegħu biex jeqred in-negozju tal-iskjavi mill-kosta tal-Afrika ta' Fuq. Buhagiar kien ikkunsidrat mill-Ingliżi bħala promutur ewlieni tal-interessi kolonjali Franċiżi fl-Afrika. Minħabba fil-ħidma tiegħu mal-Kardinal, Buhagiar kien ikkunsidrat bħala simpatizzant tal-Franċiżi. Konsegwentement, il-Gvern Ingliż iddikjara li kien kontra l-ħatra ta' Mons. Buhagiar bħala Isqof ta' Malta u tassew irnexxielhom jeliminawh. Fil-fatt, mal-mewt tal-Isqof Scicluna, is-Santa Sede fdat lil Mons. Buhagiar b'missjoni diplomatika fir-Repubblika ta' San Domingo, Haiti u l-Veneżwela.

Kważi seba' xhur mill-mewt tal-Isqof Scicluna u wara ħafna korrispondenza u argumenti sħan, nhar il-11 ta' Frar 1889, il-Papa Ljun XIII innomina lil Mons. Pietru Pace, li kellu 58 sena, Isqof ta' Malta u Arċisqof ta' Rodi, kif kienet l-użanza. Dan kien l-ewwel każ fejn Isqof ta' Għawdex ġie ttrasferit għal Malta. Ingħad u nkiteb li din l-għażla saret unikament minħabba l-pressjoni tal-Ingliżi. Iżda dan ma kienx minnu. Kemm f'Malta u kemm f'Ruma, Pace kien magħruf bħala mexxej tajjeb u kien stmat ħafna mill-uffiċjali tal-Kurja.

Nhar it-22 ta' Lulju tal-istess sena huwa ġie mogħti l-pussess tad-Djoċesi. Huwa baqa' jokkupa din il-kariga mbagħad sa mewtu, jiġifieri għal ħamsa u għoxrin sena sħaħ. Bħala Isqof li daħħal lill-poplu Malti fis-seklu għoxrin, huwa ħadem qatigħ mhux biss biex jiddefendi d-drittijiet tal-Knisja Maltija u jġib 'il quddiem il-ħidma pastorali tad-Djoċesi, iżda wkoll biex itejjeb il-qagħda tal-poplu li dak iż-żmien kien jinsab f'sitwazzjoni tassew


A
SUA ECCELLENZA REVMA. MONS. ARCIV.
PIETRO PACE DD.
*Nel suo ingresso episcopale*

*Tu es Petrus.*
*S. Matth. C. 16.*

**Sonetto.**

Voce del cielo al tron t' invita e chiama
T' avanza, o bon Pastor, che mai T' arresta?
Già suo Padre e Pastor Malta T' acclama
E coll' anello baciati la vesta.

Su cetra aurata esalta quella fama,
Che ognor brillò nelle tue eroiche gesta:
Malta Ti siegue perchè troppo T' ama
E omaggi trïonfal oggi T' appresta.

Vieni: di Publio è questa l' alma sede,
Ove spiegar godeva il giusto, il vero
Qui pur T' assidi Tu, o figliuol suo erede.

Stringati al tuo bel gregge amor sincero,
Regni la pace e nel tuo ovil la Fede
Pascola, guida il gregge: Tu sei Piero!

IL SAC. DE BONO FORTUNATO in segno di profonda venerazione.

22 *Luglio* 1889.

Sunett li nkiteb meta sar Isqof ta' Malta.

imwiegħra minħabba l-għaks, il-faqar u n-nuqqas ta' xogħol li kien hawn fil-gżejjer Maltin. Huwa kien tassew missier il-foqra u kien dejjem lest biex jgħin b'kull mezz u kemm jista' lil dawk li kienu fil-bżonn.

## Imexxi b'dinjità

Fi żmienu Malta kienet immexxija mill-Imperu Ingliż, li minnu aħna konna niffurmaw parti bħala kolonja. Fl-ewwel għaxar snin tas-seklu għoxrin huwa laqa' fostna l-ogħla mexxejja tar-Renju Brittaniku. Imma l-iktar li tibqa' mfakkra hi bla dubju ż-żjara tar-Re Dwardu VII meta fl-1909 ħatru *Knight Commander of the Victorian Order* (KCVO) b'turija ta' apprezzament għal-lealtà tiegħu lejn il-Kuruna Brittanika. Dakinhar l-Arċisqof ġie mfaħħar għall-kapaċitajiet straordinarji tiegħu, għall-mod tat-tmexxija tad-Djoċesi, għad-diplomazija intelliġenti u għall-ġid li kien qed jagħmel lill-pajjiż. Veru kien kapaċi jagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu, u jimxi b'dinjità kbira!

April tas-sena 1902 ma jistax jinqabeż. Fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju tal-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu, f'Malta nżammu jumejn ta' festa. Il-Gvern Ingliż iddikjara dawk il-jumejn bħala btala u festa nazzjonali. It-toroq tal-Belt Valletta żżejnu għal tal-apposta u tassew kien hemm vena ta' festa. Il-baned daqqew fil-pjazez ewlenin tal-Belt, u kif jista' jkun li ma nsemmux l-ikla speċjali li l-Isqof ta lill-fqar? U Għawdex ma kienx bin-nieqes, għax nhar it-8 ta' April, lejlet l-ikla ta' Malta, saret waħda simili għall-fqar fil-kuritur tal-kunvent tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali. Kienu preżenti ħamsin ruħ, u l-Isqof *in persona* kien f'nofshom.

Fit-22 ta' Novembru 1903, il-Papa Piju X, permezz tal-motu propju *Tra le sollecitudini*, għamel sejħa għal riforma sħiħa fil-Liturġija, b'mod speċjali fil-mużika sagra. Kontra l-infiltrazzjoni fil-knejjes ta' mużika orkestrali operistika, hu rrakkomanda l-użu tal-polifonija klassika u tal-kant Gregorjan. B'Ittra Pastorali tal-10 ta' Diċembru 1906, l-Isqof Pietru Pace ta normi u stieden lil dawk kollha responsabbli biex jesegwixxu f'Malta d-digriet tal-Papa. Il-*Maestri di Cappella* tal-katidrali u tal-knejjes parrokkjali kemm f'Malta u kemm f'Għawdex għamlu ħilithom kollha ħalli jwettqu r-riformi mitluba u komplew jikkomponu aktar mużika fuq il-linji mitluba mill-Papa.

Lejn is-sena 1907, jiġifieri sa mill-bidu li kienet qed titwieled is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, mhux ftit kienu dawk li bdew ifesfsu f'widnejn Mons. Pietru Pace kemm setgħet kienet perikoluża soċjetà ta' lajċi li jippretendu li jkunu kapaċi jgħallmu l-katekiżmu. Għalhekk fl-1909, l-Isqof Pace sejjaħ lil Dun Ġorġ Preca u ordnalu biex jagħlaq l-oqsma kollha. Imma Dun Ġorġ, li baxxa rasu u obda, ma laħaqx għalaq ħlief Qasam wieħed li xi kappillani ma marrux għand l-Isqof u qabżu għal Dun Ġorġ. L-ordni mogħtija fis ġiet irtirata u s-Soċjetà reġgħet ħadet nifs ta' ħajja.

Mons. Pietru Pace kien Arċisqof li kemm-il darba ġie akkużat inġustament fil-ġurnali, li l-Papa stess iddeskriva bħala "żerriegħa ta' sikrana qalb l-aktar qamħ magħżul". Hu ddefenda b'qawwa kbira d-drittijiet tal-Knisja, b'mod partikulari fil-każ tal-legati taż-żwiġijiet. Fi żmienu kien hemm ukoll il-problemi li nqalgħu minn Manwel Dimech. Sa minn Jannar 1898, Dimech beda jippubblika l-ġurnal *Il-Bandiera tal-Maltin* u aktar tard waqqaf Soċjetà msejħa *Ix-Xirka tal-Imdawlin* bl-għan li tiġġieled dik li huwa deherlu kienet oppożizzjoni għal tiġdid kulturali min-naħa tal-kleru u kontroll politiku. B'hekk, bil-kelma u bil-kitba, Dimech ħadha kemm kontra l-Knisja u kemm kontra l-awtorità kolonjali. Wara li wissa lill-fidili li Dimech kien qed ikisser l-għaqda u l-ordni fil-familji u fis-soċjetà, l-Arċisqof Pace, fit-23 ta' Ottubru 1911, tah skomunika u pprojbixxa l-gazzetta tiegħu. Fit-12 ta' Awwissu, Dimech talab maħfra lill-Arċisqof u wiegħed li qatt aktar ma jikteb kontra t-tagħlim tal-Knisja Kattolika. Huwa ġie maħfur.

Bħalma għamel f'Għawdex, tul l-episkopat tiegħu f'Malta, l-Isqof Pace ta bidu għal bosta Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata. Fost dawn insemmu d-dħul tas-Salesjani u tal-*Brothers* tal-Iskejjel Insara (1903), il-*Blue Sisters* (1894), is-Sorijiet Agostinjani (1894), il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Birkirkara (1905), iċ-ċentru tal-adorazzjoni perpetwa Franġiskana fil-Belt Valletta, u ta l-approvazzjoni għall-Istituti ta' Nuzzo (1903) u ta' Fra Diegu (1906).

Mons. Isqof Pace ħabrek biex in-nies ikunu aktar moqdija fil-bżonnijiet spiritwali tagħhom. Għalhekk huwa waqqaf diversi parroċċi, fosthom dik ta' San Ġiljan (1891), ta' Marsaxlokk (1897), tal-Imġarr (1898), tal-Kalkara (1898), ta' Raħal Ġdid (1910), ta' Birżebbuġa (1913), u tnejn oħra mogħtijin lill-patrijiet: dawn kienu



Il-plakka tat-triq li ġġib ismu fil-Belt Victoria.

ta' San Pawl il-Baħar (1905) għall-Franġiskani Konventwali, u tal-Marsa (1913) għall-Franġiskani Kapuċċini. Kien hu wkoll li ddedika bosta knejjes. Irid jingħad ukoll li bl-għajnuna tal-Isqof Pace, il-parroċċi tal-Mosta (1888), taż-Żejtun (1889) u taż-Żurrieq (1893) saru Arċipretali.

Huwa kellu devozzjoni kbira lejn il-Madonna u kien bit-tħabrik tiegħu li x-xbihat qaddisa tal-Madonna meqjuma fil-Katidral tal-Imdina (1898), fis-Santwarju tal-Mellieħa (1899) u fil-knisja tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara (1910) ġew inkurunati minnu stess. Bl-għajnuna tiegħu wkoll ix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni ta' Bormla ġiet inkurunata (1905) mill-Kardinal Domenico Ferrata. L-Isqof Pace stinka biex il-Kjeriku Nazju Falzon, Swor Adeodata Marija Pisani u Adelaide Cini jiġu uffiċjalment iddikjarati Venerabbli.

Matul is-snin tal-episkopat tiegħu, l-Arċisqof Pietru Pace sab għajnuna kbira f'żewġ Isqfijiet Awżiljarji: l-Isqof Sengelan Mons. Salvatore Gaffiero u l-Isqof Dumnikan Mons. Angelo Portelli OP. Huwa fatt magħruf li l-Isqof Pace kien jersaq bil-problemi tiegħu u jilqa' l-pariri mogħtija lilu mis-saċerdot Dun Angelo Raggio, li dik il-ħabta kien il-Prepostu tal-Oratorjani fil-kunvent ta' San Filippu Neri, fl-Isla, u li miet fl-1928 b'fama ta' qdusija.

Imma fit-twettiq ta' dan il-mandat episkopali, perjodi ta' diqa u diżappunt ixxebilku ma' mumenti ta' paċi u ferħ. Biżżejjed insemmu t-tħejjija kbira li saret biex f'April tal-1913 seta' jiġi ċċelebrat f'Malta l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, li kien ta' ġid spiritwali kbir għall-gżejjer Maltin. Kien hu stess li ta bidu għall-proċess biex jitwaqqaf il-monument ta' Kristu Re fil-Furjana u biex tinbena l-knisja monumentali ta' Raħal Ġdid, iddedikata lil Kristu Re, bħala tifkira ta' dan il-Kungress. Dan il-Kungress kien ta' sodisfazzjon kbir għal Pace daqskemm kienu ta' hena għalih iċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru sena wara, fil-11 ta' Frar 1914, biex ifakkru l-ħamsa u għoxrin anniversarju minn meta nħatar Arċisqof ta' Malta.

**Lejn tmiem ħajtu**

F'dik is-sena l-Arċisqof, li kien għalaq 83 sena, beda jħoss saħħtu tnin. Għalhekk huwa għadda xi żmien f'*Casa Pace*, li kienet tinsab qrib il-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan. Kien fil-bidu tas-sajf li Mons. Pace, fuq parir tal-ħbieb u tat-tobba, ħalla Malta u rtira għand neputih f'Għawdex, kif kien iħobb jagħmel, biex jerġa' jieħu saħħtu. Hemm fir-Rabat, fi Triq il-Konservatorju numru 45, faċċata tal-pjanura u l-wied ta' Marsalforn li kien iħobb jitgħaxxaq bihom u fejn kien tant iħossu jistrieħ. Iżda din id-darba ma tantx ħassu jmur għall-aħjar. Saħħtu baqgħet sejra lura sakemm nhar id-29 ta' Lulju 1914 f'dik id-dar huwa miet wara sebgħa u tletin sena ta' espiskopat mimli ħidma u sagrifiċċji għall-ġid spiritwali u temporali.

Mill-ewwel l-awtoritajiet barranin għarrfu l-mewt tiegħu u ħabbru luttu nazzjonali. Il-Kurja ta' Għawdex u ta' Malta wasslu l-aħbar tal-mewt tiegħu permezz ta' ċirkulari u dlonk il-knejjes ta' dawn il-gżejjer xerrdu l-aħbar permezz tat-tokki kiebja tal-qniepen tal-knejjes. L-istaġun tal-festi kien fl-aqwa tiegħu, iżda dawn ġew fis imwaqqfa.



L-epitaff li hemm fil-Katidral tal-Imdina.

Huwa xtaq li jkollu funeral sempliċi, iżda l-Isqfijiet Camilleri u Portelli, kif ukoll il-kleru flimkien mal-Awtoritajiet Ċivili u l-poplu riedu li jagħtuh tislima tal-aħħar mill-aktar xierqa. Nhar il-31 ta' Lulju, il-katavru tiegħu ttieħed mill-knisja tal-Franġiskani Konventwali tar-Rabat, Għawdex, lejn il-Katidral. Il-funeral tmexxa mill-Isqof Giovanni M. Camilleri OSA, li kien assitit minn Mons. Angelo Portelli OP, Isqof Awżiljarju ta' Malta. L-orazzjoni funebri ġiet minsuġa minn Mons. Giuseppe Farrugia, Vigarju Ġenerali. Wara din it-tislima solenni, l-Isqof Pace ġie midfun fil-Kappella ta' San Ġużepp fejn għadu jinsab sal-lum.

Qalbu f'idejh kif twieled, hekk ukoll fqir niżel fil-qabar. Kull min illum jidħol fil-Katidral ta' Għawdex, ma jistax ma jilmaħx il-monument tal-bronż, imwaqqaf bl-inizjattiva tal-Arċisqof Mikiel Gonzi u tal-Isqof Ġużeppi Pace, li jfakkarna f'dan l-ekkleżjastiku ta' karità straordinarja. Fin-nofs tal-art tal-Kappellun tal-Lunzjata, fil-Katidral tal-Imdina, illum ukoll naraw irħama li taħtha ma hemm midfun ħadd, iżda hija tifkira denja tal-Arċisqof Pietru Pace.

Għaddew mitt sena mill-mewt ta' dan il-benefattur kbir Għawdxi. L-intelliġenza u l-prudenza dejjem spikkaw fil-persuna ta' Mons. Pace. Maħbub minn kull min kien jafu, mill-ogħla sal-iċken persuna, Pace ħalla isem tajjeb ta' Isqof mimli żelu pastorali, b'natural ħelu, ta' ħajja eżemplari u ta' mġiba mill-aħjar. Bħala wieħed mill-kbar nett ta' dawn il-gżejjer, l-istorja ta' Malta u Għawdex titkellem fit-tul fuqu u tibqa' xxandar ismu fost il-ġenerazzjonijiet. It-tifkira żgur li tibqa' ta' bniedem onest, saċerdot kapaċissmu u iben denn ta' Għawdex mill-inħawi ta' wara San Franġisk u mill-Parroċċa ta' San Ġorġ.

---

## Bibljografija


APAP K., *Nies Kbar Għawdxin: L-Isqof Pietru Pace*, f'*Il-Berqa*, 19 ta' Lulju 1956, p. 7.

ATTARD G., *L-Arċisqof Pietru Pace*, f'*Leħen il-Parroċċa San Pawl il-Baħar*, Lulju-Settembru 2001, p. 75.

BEZZINA J., *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, Malta 2002.

BONNICI A., *History of the Church in Malta*, Vol. III, Malta 1975.

BONNICI A., *L-Isituti ta' Ħajja Kkonsagrata*, Malta 2000.

CIARLÒ J., *L-Arċisqof Pietru Pace*, f'*Leħen is-Sewwa*, 26 ta' Lulju 2008.

DIMECH DEBONO G., *L-Arċisqof Pietru Pace*, f'*Il-Berqa*, 10 ta' Ġunju 1966, p. 4.

MIZZI P.G., *History of the Church: Bishops of Gozo*, f'*Heritage*, no. 101, p. 2001.

PACE J.R., *Bishop Pietro Pace and Blessed Ġorġ Preca*, f'*The Times*, 30 May 2001, p. 27.

TERRIBILE T., *L-Arċisqof Pietru Pace*, f'*Leħen is-Sewwa*, 23 ta' Lulju 1994, p. 7

ZAMMIT W., *Pietro Pace*, f'*Heritage – Portrait Gallery*, no. 15, Malta 1978, p 18.



Fontana Pharmacy

Triq tal-Għajn, Fontana

Tel: 21566979 Email: diane.bonello@yahoo.com